# BEATI U QADDISIN...APRIL

## 3 ta' April

## San Rikkardu ta' Chichister

San Rikkardu ta' Chichister twieled fis-sena 1197 go belt zghira, ftit mili 'l boghod min Worcester, Ingilterra. Flimkien ma' huh il-kbir sfaw iltiema ta' eta zghira u huh kien mitfugh il-habs ghax ma hallasx xi djun. Rikkardu halla l-istudji li kien ihobb hafna biex imur jahdem xi artijiet ta' huh. Minn naha tieghu bhala kumpens ghall-hidma bil-qalb u ta' success ried itih l-artijiet tieghu kollha, izda huwa rrifjuta kemm l-artijiet kif ukoll talba ghaz-zwieg biex ikun jista' jmur jistudja ghal-sacerdot gewwa Oxford.

Fis-sena 1235 San Rikkardu gie appuntat Kancillier ta' l-Universita ta' Oxford minhabba il-kapacitajiet u doni tieghu, u wara kancillier tad-Djocesi min San Edmundu, Arcisqof ta' Canterbury. Il-kancillier il-gdid kien fidil u zamm ma' San Edmundu fil-kustjoni li l-qaddis kellu mar-re u akkumpanjah fl-ezilju gewwa Franza fl-Abbazija ta' Pontigny. War ail-mewt tal-qaddis, Rikkardu studja it-teologija gewwa Orleans qabel ma rega' lura l-Ingilterra biex jahdem bhala semplici kappillan.

Imma ma damx wisq ghaliex il-kanonici ta' Chichister hatruh isqof meta s-sede taghhom saret vakanti. Din l-ghazla taghhom ma nizlitx sewwa mar-re li kien diga pprezentalhom il-kandidat tieghu. Pero' il-kanonci raw li ma kienx il-bniedem addatat.

Ir-re bhala tpattija rrifjuta li jaghrfu bhala l-isqof legittmu u hataf il-bene tad-djocesi. U hekk San Rikkardu sab ruhu jiggieled l-istess glieda ta' predecessur tieghu. Mar gewwa Lyon fejn kien ikkonsagrat isqof mill-Papa Innocent Iv fis-sena 1245, irritorna l-Ingilterra fejn hemm ezercita d-drittijiet episkopali tieghu fost il-faqar u l-ostilita' tar-re. Huwa hadem hafna biex jirriforma id-djocesi tieghu. Kullhad sar ihobbu u jirripettah u wara sentejn id-dhul finanzjarji kien moghti lura. Biex jitma lil min kien bil-guh u jfejjaq lill-morda huwa ta dak kollu li kellu sahansitra wettaq mirakli u meta id-drittijiet tal-knisja jew il-qdusija taghha kienu minsusa huwa kien jieqaf lil kulhadd.

Sacerdot ta' nisel nobbli dineb u hammeg l-isem ta' l-uficcju tieghu; Rikkardu nehhielu l-beneficcju li kellu minkejja li ndahal ir-re. Meta kavallier tefa' fil-habs sacerdot, Rikkardu gaghlu jimxi madwar il-knisja bl-istess toqol ta' injama fuq ghonqu, li biha kien rabat lill-vittma tieghu.

Fuq talba tal-Papa hu ippridka Krucjata gdida wara li l-ispedizjoni ta' Luigi IX re ta' Franza fis-sena 1253 kienet disastruza; ma kellux intenzjonijiet politici izda l-uniku skop tieghu kien li jiftah it-triq mill-gdid ghall-pellegrini fl-Art Imqaddsa.
Meta kien Dover huwa marad gravament u wara ftit tal-jiem, fit-3 ta' April 1253, miet.

Huwa meqjum bhala l-patrun tas-sewwieq tal-karriijiet, forsi ghaliex kien jahdem fl-ghelieqi, u jsuq il-karrijiet u z-zwiemel.